Informazzjoni ġenerali dwar is-sejbien ta’ sidien benefiċjarji

## Dwar dan is-servizz

Tista’ ssib l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji ta’ kumpaniji, entitajiet legali, trusts jew arranġamenti legali reġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-pajjiżi tal-UE, tal-Iżlanda, tal-Liechtenstein jew tan-Norveġja billi tuża s-servizz “Sib informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja”.

Huwa parti mis-Sistema ta’ Interkonnessjoni tar-Reġistri tas-Sjieda Benefiċjarja (BORIS), stabbilita f’konformità mad-Direttiva (UE) 2015/849, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/843.

Sir af aktar dwar ir-reġistri nazzjonali tas-sjieda benefiċjarja u l-informazzjoni li jkun hemm fihom.

Għal kwalunkwe domanda dwar dan is-servizz, ikkuntattja lil just-boris-helpdesk@ec.europa.eu.

## Kif jaħdem

Sabiex tfittex sid benefiċjarju:

- Fittex l-isem tal-entità u/jew in-numrutar-reġistrazzjoni tal-entità.
- Tara lista ta’ riżultati li jaqblu mat-tfittxija tiegħek bil-prezz u bl-informazzjoni rispettiva dwar is-sjieda benefiċjarja.
- Agħżel l-Informazzjoni dwar is-Sjieda Benefiċjarja li tixtieq u żidha fil-basket tiegħek.
- Kif tagħżel l-Informazzjoni dwar is-Sjieda Benefiċjarja li teħtieġ, mur fiċ-Check Out.

## Konsenja tad-dokumenti

Id-dokumenti ta’ Informazzjoni dwar is-Sjieda Benefiċjarja jkunu disponibbli biex jitniżżlu mill-browser tiegħek.

Tiġi nnotifikat b’email dwar id-disponibbiltà tad-dokumenti malli jiġu kkonsenjati mir-reġistri nazzjonali.

## Aċċess għad-dokumenti

Ladarba tkun tista’ tniżżel dokument ta’ Informazzjoni dwar is-Sjieda Benefiċjarja mill-browser tiegħek, tkun tista’ tissejvjah lokalment għall-użu personali tiegħek.

Id-dokumenti ta’ Informazzjoni dwar is-Sjieda Benefiċjarja jkunu disponibbli biex jitniżżlu għal sitt ijiem mill-ħin tal-konsenja.

## Links għall-paġni web tar-reġistri nazzjonali

| Pajjiż | Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja |
|---|---|---|
| L-Awstrija | Bundesministerium für Finanzen Register der wirtschaftlichen Eigentümer | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tal-Awstrija (154 Kb) |
| Il-Belġju | Registre UBO/Reġistru UBO | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tal-Belġju (148 Kb) |

| | | |
|---|---|---|
| Il-Bulgarija | Ir-Reġistru Kummerċjali u r-Reġistru tal-Entitajiet Legali Mingħajr Qligħ | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tal-Bulgarija (137 Kb) |
| Il-Kroazja | Link għall-aċċess mill-awtoritajiet nazzjonali<br>Link għall-aċċess mill-pubbliku | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tal-Kroazja (227 Kb) |
| Ir-Repubblika Ċeka | Evidence skutečných majitelů (ir-Reġistru Ċek tas-Sidien Benefiċjarji) | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tar-Repubblika Ċeka (165 Kb) |
| Ċipru | Reġistru nazzjonali ta' Ċipru: Id-Dipartiment tar-Reġistratur tal-Kumpaniji u l-Proprjetà Intellettwali (DRCIP)<br>Ir-Reġistru tas-Sidien Benefiċjarji tat-Trusts ta' Ċipru — "CyTBOR" | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja ta' Ċipru (176 Kb) |
| Id-Danimarka | Ir-Reġistru Ċentrali tan-Negozju (Central Business Register, CVR) | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tad-Danimarka (119 Kb) |
| L-Estonja | Id-*data* tas-sid benefiċjarju ssir pubblika fis-sistema ta' informazzjoni tar-reġistru kummerċjali: Äriregister/ir-Reġistru Kummerċjali | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tal-Estonja (158 Kb) |
| Il-Finlandja | Patentti-ja rekisterihallitus (l-Uffiċċju Finlandiż tal-Privattivi u tar-Reġistrazzjoni) | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tal-Finlandja (181 Kb) |
| Franza | L-Institut nazzjonali Franċiż tal-Proprjetà Intellettwali (Institut national de la propriété intellectuelle, INPI) huwa l-entità li se tiċċentralizza l-informazzjoni dwar is-Sjieda Benefiċjarja biex tkun interkonnessa fil-livell tal-UE<br>L-informazzjoni dwar is-Sjieda Benefiċjarja tal-persuni ġuridiċi hija ċċentralizzata minn kull reġistratur tal-qrati kummerċjali li l-istanza ta' koordinazzjoni tiegħu hija l-Conseil national des greffiers des tribunaux de commerce | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja ta' Franza (121 Kb) |
| Il-Ġermanja | Transparenzregister (Ir-reġistru ta' trasparenza) | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tal-Ġermanja (115 Kb) |
| Il-Greċja | Κεντρικό Μητρώο Πραγματικών Δικαιούχων (Κ.Μ.Π.Δ.) | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tal-Greċja (125 Kb) |
| L-Ungerija | Il-link tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja għadha mhux disponibbli. | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tal-Ungerija (187 Kb) |
| L-Iżlanda | Dħul u Dwana tal-Iżlanda (Skatturinn) | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tal-Iżlanda (119 Kb) |
| L-Irlanda | Il-Bank Ċentrali tal-Irlanda - Ir-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja ta' Ċerti Veikoli Finanzjarji<br>Ir-Reġistru Ċentrali tas-Sjieda Benefiċjarja ta' Kumpaniji u Soċjetajiet Industrijali u tal-Provvediment - għal informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja għal entitajiet korporattivi u ġuridiċi oħra | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tal-Irlanda (157 Kb) |
| L-Italja | Informazzjoni mhux disponibbli | |
| Il-Latvja | Is-sit web tal-informazzjoni tar-Reġistru tal-Intrapriżi tar-Repubblika tal-Latvja | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tal-Latvja (124 Kb) |
| Il-Liechtenstein | Ir-reġistru elettroniku għadu mhux disponibbli | |
| Il-Litwanja | Sistema ta' Informazzjoni tal-Parteċipanti tal-Entità Ġuridika (JADIS) | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tal-Litwanja (120 Kb) |
| Il-Lussemburgu | Ir-reġistru huwa stabbilit permezz tal-awtorità tal-AED taħt l-isem ta' "Reġistru tal-Fiducies u tat-Trusts" | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tal-Lussemburgu (164 Kb) |

| | | |
|---|---|---|
| Malta | Ir-Reġistru tas-Sidien Benefiċjarji għas-Sħubijiet Kummerċjali u l-Entitajiet Legali huwa amministrat mir-Reġistru Kummerċjali ta’ Malta (Malta Business Registry, MBR)<br>Fil-każ tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tat-Trusts li huwa amministrat mill-MFSA, il-pjattaforma tissejjaħ Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja Aħħarija tat-Trustsir-(Trusts Ultimate Beneficial Ownership Register, TUBOR) | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja ta’ Malta (152 Kb) |
| In-Netherlands | KVK uittreksel UBO-register | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tan-Netherlands (159 Kb) |
| In-Norveġja | Ir-reġistru bħalissa mhuwiex operattiv. Ir-reġistru Norveġiż qed jiġi żviluppat u huwa ppjanat li jkun qed jaħdem fil-bidu tal-2023 | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tan-Norveġja (115 Kb) |
| Il-Polonja | Centralny Rejestr Beneficjentów Rzeczywistych (Reġistru Ċentrali tas-Sidien Benefiċjarji) | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tal-Polonja (183 Kb) |
| Il-Portugall | Registo de Beneficiário Efetivo | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tal-Portugall (123 Kb) |
| Ir-Rumanija | L-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru Kummerċjali jimmaniġġja r-Reġistru tal-Benefiċjarji Reali | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tar-Rumanija (210 Kb) |
| Is-Slovakkja | Register konečných užívateľov výhod | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tas-Slovakkja (115 Kb) |
| Is-Slovenja | Ir-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tas-Slovenja (181 Kb) |
| Spanja | L-isem tar-reġistru nazzjonali se jkun “Registro de Titularidades Reales” (RETIR), il-verżjoni bl-Ispanjol għar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja. Il-link għadha ma ġietx deċiża. | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja ta’ Spanja (169 KB) |
| L-Iżvezja | Bolagsverket (l-Uffiċċju Żvediż għar-Reġistrazzjoni tal-Kumpaniji) | Dettalji tar-Reġistru tas-Sjieda Benefiċjarja tal-Iżvezja (145 Kb) |

## Protezzjoni tad-*Data*

Biex tkun taf kif nipproteġu d-*data* personali tiegħek, aqra l-avviż legali tagħna, b’mod partikolari d-dikjarazzjoni ta’ privatezza u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* (424 Kb). Jista’ jkun utli għalik wkoll li taqra r-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* fil-pajjiżi li qed jieħdu sehem fil-BORIS

L-aħħar aġġornament: 31/03/2025

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f’din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta’ kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.